# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



Ċuvett

BirdLife Malta

40 years for birds

Klabb Ħuttaf

Numru 51

Lulju - Awwissu 2002



# EDITORJAL





Dan l-aħħar smajna u qrajna li wieħed raġel f'Malta weħel il-ħabs għax ħaqar qattus.

Din, ħbieb, hija aħbar tajba ħafna ħafna, għax dan ifisser li fl-aħħar il-Qorti ta' Malta qed tibda turi serjetà anke ma' min hu kattiv ma' l-annimali.

Aħna n-nies inħobbu wisq naħsbu li jekk taħqar bniedem huwa ħażin, imma jekk taħqar annimal mhijiex ħaġa gravi.

"U iiiiva!" jgħidulek, "Mhux biċċa annimal?" Meta nisma' min jitkellem hekk ikolli aptit inħabbat rasi ma' ħajt.

Nies li jirraġunaw hekk huma nies li għadhom mhumiex mija fil-mija ċivilizzati. U b'xorti ħażina għad hawn ħafna pajjiżi fejn il-moħqrija ta' l-annimali għadha ħaġa normali u legali, anzi ħaġa ta' festa u spettaklu! Hemm pajjiżi fejn jagħmlu festa u spettaklu mit-tortura tal-barrin. F'pajjiżi oħrajn tista' bil-libertà ġġelled il-klieb, is-sriedaq, is-sriep, il-mangusti u annimali oħrajn. Dawn l-affarijiet imisshom huma kontra l-liġi fid-dinja kollha, għax nies li jieħdu gost jaħqru l-annimali huma nies bla qalb. Imma għadna lura.

Anke l-kaċċa u l-insib bħala passatemp huma moħqrija żejda, u għalhekk il-BirdLife ma taqbilx ma' dawn il-*hobbies* kiefra. Il-BirdLife temmen li f'pajjiż ċivilizzat il-bniedem għandu japprezza l-ħajja mhux il-qtil. Imma kif għedna, għadna lura.

Dan l-aħħar f'Los Angeles wieħed raġel, biex jimpressjona lill-għarusa, qata' ras il-kelb tiegħu!!! Lil dan il-*hero* tellgħuh il-qorti u smajna li hemm ċans jeħel għomru l-ħabs!!

Victor

**Victor Falzon**
Editur


Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Schembri, Mariangela Schembri Meli, Justin Vassallo

Indirizz: **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **21347646** Fax: **21343239** email: **info@birdlifemalta.org**
website: **www.birdlifemalta.org**
email tal-magażin: **ilhuttafa@birdlifemalta.org**


Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem **BirdLife** f'din il-publikazzjoni jirreferi għal **BirdLife Malta**. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skopijiet kummerċjali, dment li jissemma' l-isem *Il-Ħuttafa* u dment li tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.


Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **Ċuvett** (ritratt ta' Denis Cachia)
Faċċata ta' wara: **Bejn il-Kmiemen** (ritratt ta' Victor Falzon)
Stampat: Poulton's Print Shop, Lulju 2002


Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin ***Il-Ħuttafa*** kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.

# Unur lin-Nadur!


The Times

Ritratt tal-bejta, mibnija bħas-soltu minn ċapep żgħar tat-tajn, bil-ħawwiefa tittawwal mix-xaqq.

Tiftakru s-sena l-oħra kemm għamilna għaġeb fuq par **ħawwief** (house martin *Delichon urbica*) li bejtu fl-inħawi ta' Ħad-Dingli. Kellna raġun nagħmlu għaġeb għax il-ħawwief rari jbejjet f'pajjiżna. Dis-sena reġgħet ġrat: ix-xorti did-darba messet lil dar ta' ċertu Karmenu Buttiġieġ, f'waħda mit-toroq prinċipali tan-Nadur, f'Għawdex!

Din hija t-tielet sena in fila li nafu li bejjet il-ħawwief f'Malta. Nisperaw li din issir ħaġa ta' kull sena, u li ħafna jkunu l-Maltin kburin bħal Karmenu tan-Nadur.

# Sbieħ imma Skarsi

Ftit xhur ilu ħareġ studju dwar l-**orkidi** ta' Malta.

L-orkidi huma fjuri speċjali mhux biss għax sbieħ immens, imma għax hawn Malta ħafna minnhom huma rarissmi u f'periklu li jinqerdu.

Skond dan l-istudju, f'Malta għandna mill-inqas **37 speċi** differenti ta' orkidi.



Victor Falzon

# RAJT GABDOLL



## X'isem stramb!

Il-kelma gabdoll ġejja mit-Taljan *capo d'olio*, għax f'ras dan l-annimal hemm kwantità kbira ta' likwidu qisu żejt. Mid-dehra dal-likwidu jgħinu jikkalkula aħjar il-priża li jaqbad fid-dlamijiet ta' qiegħ il-baħar.

Naturalment il-bniedem ukoll sablu użu daż-żejt, u eluf ta' gabdolli sfaw vittma tal-kaċċa għall-balieni.

Fid-9 Ġunju 2002, seħibna Michael Sammut kien qiegħed berdwoċing il-Qawra f'xatt il-baħar.

F'daqqa waħda f'wiċċ il-baħar tfaċċat ħaġa sewda, qisha dgħajsa maqluba, twila xi 10m. Dil-ħaġa sparixxiet għal ftit, u meta reġgħet telgħet f'wiċċ l-ilma ħareġ minnha sprej qawwi ta' fwar. Seħibna hawnhekk induna li kien għadu kemm ra baliena! Imma liema baliena?

B'xorti tajba qabel ma għabet għal kollox, Michael leħaq ralha x-xewka ta' daharha u anke denbha, u minn hawn seta' jagħrafha żgur. Ma kienx hemm dubju li dak li ra kien **gabdoll** (sperm whale *Physeter macrocephalus*).

Il-gabdoll huwa mxerred ma' l-ibħra tad-dinja kollha. Fil-Mediterran ukoll jidher sikwit, imma fl-ibħra Maltin mhux ħaġa komuni li tarah.

Il-baliena famuża fil-ktieb *Moby Dick* ta' Herman Melville kienet gabdoll.






# Kantant Kbir

Lejl wieħed, Albert Feng u l-kollegi tiegħu niżlu saxxatt tax-xmara Tau Hau fiċ-Ċina biex jistudjaw tisfir u tpespis irqiq ta' għasfur misterjuż. L-istudju tagħhom urihom li t-tisfir fil-fatt ma kien ta' ebda għasfur imma ta' żring!

Iż-żring Ċiniż *Amolops tormotus* raġel 'ikanta' bħal għasfur biex jiġbed lin-nisa lejh. Din hija l-ewwel darba li nafu bi żring li kapaċi jvarja leħnu minn baxx għal għoli bħall-għasafar - iż-żringijiet is-soltu ton wieħed ikollhom f'leħinhom. Barra minn hekk, l-*Amalops* għandu varjetà kbira ħafna ta' ħsejjes.

Fl-istaġun tan-namra ż-żringijiet irġiel jinġabru bil-lejl u jagħmlu 'konkors' ta' kant. Iktar ma jikkumplikaw il-kanzunetta, iktar hemm ċans li jogħġbu lin-nisa! Tant hi kbira l-varjetà ta' kant li f'rekordings ta' 12-il siegħa ta' 21 żring, l-ebda żewġ għajtiet ma kienu l-istess!



# Bloop!



Tgħid jeżistu xi kreaturi kbar li għadna ma nafux bihom fil-qiegħ ta' l-ibħra! Xjenzati għandhom rekordings strambi ta' ħsejjes mill-ibħra, li jaħsbu li jistgħu jkunu ġejjin minn xi annimal kbir. Dawn il-ħsejjes, li tlaqqmu *Bloop sounds*, qishom ta' xi mammiferi tal-baħar, imma ħafna iktar qawwijin mill-għajta tal-balieni jew ta' kwalunkwe annimal ieħor li nafu bih.

Xi wħud jaħsbu li l-ħsejjes qed jagħmluhom xi klamari ġganteski, li ħadd għadu ma jaf daqsxiex jistgħu jikbru (ara *Il-Ħuttafa* 48). Xjenzati oħrajn ma jaqblux ma' din it-teorija, imma lkoll jaqblu li l-bloops ġejjin minn xi ħaġa ħajja, mhux bħal terrimot jew vulkan.

L-apparat li rrekordja dawn il-ħsejjes huwa fdal militari li kien jintuża biex jissemma' għas-sottomarini fi żmien il-Gwerra l-Bierda. Il-bloops inħassu minn apparat anke 5000km 'l bogħod!



# Sabuh fid-deżert!

Il-**velleran tal-Marokk** (northern bald ibis *Geronticus eremita*) huwa għasfur rari ħafna, li l-popolazzjoni tiegħu fid-dinja dejjem tonqos. Grupp żgħir li kien jgħix u jbejjet fit-Turkija spiċċa fl-1989, u baqa' biss popolazzjoni f'xi nħawi fil-Marokk.

Fir-rebbiegħa ta' dis-sena, però, instab grupp fis-Sirja. Seba' għasafar b'kollox: tliet pari bil-bejta u għasfur ieħor. Il-post qiegħed fid-deżert magħruf bħala Al Bajda.

Xi bedwini li jgħixu fl-inħawi kienu ilhom jgħidu li jaraw dan l-għasfur. Issa din l-aħbar tajba kkonfermawha grupp ta' esperti li marru ma' xi bedwini u sabu din il-kolonja żgħira.

Qed jgħidu wkoll li l-velleran tal-Marokk jista' jkun qed ibejjet ukoll f'xi nħawi fl-Eritrea (ara *Il-Ħuttafa* 23).

# Żmien Żemżem...

Victor Falzon



**Mhux soltu f' *Il-Ħuttafa* nitkellmu fuq l-istorja tal-bniedem. Il-bniedem qisna dejjem inpoġġuh fuq naħa u n-natura fuq naħa oħra. Forsi għax bil-ħajja komda li ngħixu llum ninsew li aħna wkoll parti min-natura. Imma tajjeb li kultant niftakru...**

Fl-antik ħafna, il-bniedem kien annimal ieħor fost ħafna oħrajn. Kien jgħix barra u la kellu djar u lanqas ħwejjeġ. Mhux għax kien fqir, imma għax kien għadu ma tgħallimx kif jagħmel dawn l-affarijiet. Kien jiekol frott selvaġġ mis-siġar, insetti, dud u għeruq li jħaffer għalihom. Insomma, li jsib!

Il-ħajja kienet perikoluża għax il-bniedem m'għandux armi naturali biex jiddefendi lilu nnifsu - la dwiefer jaqtgħu, la snien tal-biża' u lanqas saqajn jiġru wisq. Min jaf kemm nies kienu jinqatlu mill-iljuni u l-leopardi u l-jeni ta' dak iż-żmien. Arma waħda biss kellu tajba: moħħu!

Meta beda jħaddem moħħu, il-bniedem tgħallem juża zkuk u ġebel bħala armi biex bihom jiddefendi lilu nnifsu u anke biex jattakka u joqtol annimali kbar għall-ikel, bħal antilopi, bufli u anke iljunfanti.

Jidher li l-ewwel nies kienu jgħixu l-Afrika, speċjalment fin-naħa tal-Lvant fejn illum hemm il-Kenja u t-Tanżanija. Imma maż-żmien in-nies bdew jinfirxu minn hemm sa ma ftit ftit xterdu mad-dinja kollha u waslu anke fl-Ewropa, li dak iż-żmien kienet art selvaġġa kollha foresti.

It-temp f'postijiet bħall-Ewropa kien iktar kiesaħ minn ta' l-Afrika u għall-ewwel ħafna nies kienu jmutu bil-kesħa. Imma mill-ġdid bis-saħħa tal-moħħ makakk il-bniedem anke l-problema tal-kesħa solva. Tgħallem iqabbad in-nar u tgħallem jitgħatta bil-ġlud sufin ta' l-annimali - dawn kienu l-ewwel ħwejjeġ, forsi mhux tal-moda, imma komdi u jsaħħnu!

Maż-żmien il-bniedem ħoloq ħafna għodod ġodda biex jgħinuh jagħmel l-affarijiet, u llum aħna imdawrin bl-affarijiet li vvintajna u tista' tgħid li nqtajna ħafna mill-ħajja naturali.

Imma m'għandna qatt ninsew li nagħmlu x'nagħmlu, nibqgħu dejjem niddependu min-natura għall-għixien tagħna.

## Għadam qadim



Kull ma nafu dwar il-bniedem tal-qedem kollu nafuh minn fossili ta' għadam antik li l-istudjużi jsibu fil-blat. Dan mhux xi studju faċli għax biċċa għadma ma tgħidlekx l-istorja kollha, u l-esperti mhux dejjem jaqblu bejniethom. Kultant sejba ġdida tgħallimna affarijiet ġodda u tbiddel dak li forsi konna naħsbu qabel.

Per eżempju fiċ-Ċhad għadhom kemm sabu għadam ta' ras (stampa) li turi li l-bniedem ilu jeżisti ħafna iktar milli kienu qed jaħsbu. Din il-fossila għandha 7 miljun sena, u din l-ispeċi ġdida ssemmiet *Sahelanthropus tchadensis*.



Fl-antik kien hawn diversi speċi ta' bnedmin. Maż-żmien spiċċaw, u llum speċi waħda biss baqa': *Homo sapiens*, li tfisser "bniedem għaref".

*Australopithecus robustus* — *Australopithecus boisei* — *Homo habilis* — *Homo erectus*



# Brimberiji

Rajtuh Spiderman? Għoġobkom? Tajjeb! Imma issa jaqbel li tkunu tafu l-verità fuq il-brimba li gidmet lil Peter Parker - il-famuża **black widow spider**.

Il-black widow hija brimba żgħira, (ġisimha daqs dubbiena), sewda tleqq b'tikka ħamra fuq żaqqha. Imma għalxejn tfittxuha fil-ġnien, għax hawn Malta ma teżistix - hija brimba Amerikana!

Għaliex jgħidulha black widow - armla sewda? Jgħidulha hekk għax il-brimba mara spiss tiekol lill-brimba raġel! Dan miskin jidħlilha fl-għanqbuta biex jara tixtieqx tkun il-mara tiegħu, imma jekk jagħmel mossa waħda żbaljata ħażin ikun għalih, għax flok għarus jispiċċa pranzu! Stramba hux! Imma fil-fatt din hija drawwa komuni fil-brimb.



L-armla sewda veru li hija velenuża għall-bniedem (għalkemm rari li xi ħadd imut minn gidma tagħha), imma mhijiex brimba aggressiva. Fi kliem ieħor mhix se tinżel fuqek minn jeddha u tigdmek għal xejn b'xejn (kif tagħmel fil-film). Biex tigdmek trid jew inti tipprova taqbadha jew inkella tmissilha l-blalen tal-bajd. Imbagħad iva ħej, iċċapċaphielek! U wara ftit bħal Spiderman anke int titla' mas-saqaf, imma bl-uġigħ!!! :-)

*Victor Falzon*

# GALLERIJA

**Tukan tal-munqar aħmar**



Bernice Schembri 12

**Kobra**



Oriana Chricop 12

**Sparvier**



Monique Fava 9

**Gawwija Daharha Iswed**



Nicholas Galea 6

**Ħamingberd**



Sarah-Jane Cauchi 11

**Brama**



Mark Vella 11

**Ajkla tal-muntanji**



Christian Buttiġieġ 13

**Għasfur tal-bejt**



Jennifer Hannaford 10

**Ċerva**



Danica Cremona 9

**Venewwa**



Ryan Mifsud 11

SPOT NATURA



# Is-Settembrina Selvaġġa



Tpinġija mill-ktieb Wildlife of the Maltese Islands

F'dan iż-żmien tas-sajf għandkom mnejn tinnutaw pjanta qed tikber taħt il-bankini fit-toroq tagħna - pjanta bi zkuk dritti u tawwalin u b'weraq twil, lixx u aħdar skur. Din hija s-**settembrina selvaġġa** (narrow-leaved aster *Aster squamatus*), pjanta komuni li ssibha tikber kważi fl-ambjenti kollha.

Semmejt is-sajf għaliex din il-pjanta tibda tikber għall-ħabta ta' Marzu u April, u fis-sajf tkun fl-aqwa tagħha.

Fejn ikun hemm l-ilma u ftit ħamrija ssir qisha siġra żgħira, b'zokk oħxon u għolja iktar minn 2m. Għall-aħħar tas-sajf toħroġ kwantità ta' fjuri bojod u żgħar ħafna. Iż-żerriegħa tixxerred bir-riħ.

Is-settembrina selvaġġa bdiet tidher fil-gżejjer Maltin madwar 70 sena ilu. Il-pjanta oriġinat fl-Amerka t'Isfel iżda ddaħħlet fl-Ewropa aktarx mal-merkanzija sakemm sabet ruħha wkoll f'pajjiżna. Bħal kull fejn iddaħħlet, fi ftit tas-snin hija ħonqot diversi ambjenti, speċjalment l-għadajjar mielħa. Il-problema bi pjanti (u annimali) li jiddaħħlu minn art barranija hija li dawn spiss jieħdu post in-natura li tkun qed tikber hawn qabilhom. Dan ġara wkoll bis-settembrina: ħadet post xi pjanti indiġeni Maltin. Xi wħud minn dawn issa qed isibuha diffiċli jikkompetu mas-settembrina, u għalhekk naqsu sew fin-numru.

*Jason Aloisio*



*Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom ta' pjanti u annimali (basta mhux domestiċi), iktbu isimkom, kemm għandkom żmien u x'inhu dak li pinġejtu.*





# Kompetizzjoni 51

*Norman Chetcuti*

Sibu d-9 tajriet tal-priża moħbijin fit-taħbila. Il-kliem jista' jkun mimdud, wieqaf jew imxattar. Ħudu fotokopja tat-taħbila u ibagħtuhielna flimkien ma' isimkom u l-indirizz. Jew skenjaw l-istampa u ibagħtuha attaċment. Imma QATT tqattgħu l-magażin. Ċans għandkom sal-**31 Awwissu**.

**Ajkla bajda**
**Arpa**
**Astun iswed**
**Avultun abjad**
**Bies**
**Seqer tal-ħannieqa**
**Spanjulett**
**Sparvier**
**Żumbrell**





T V B
Y X T Z E H J
J J T O S Z Q Y Y
E R R Q P Y D U S B I
B E F L A S V R B M T L J
K H R C R K D R F Z O B H A D
F U Q V W I M J D V Q I R K D
A Q E I N N A H L A T R E Q E S R
D U X E L H W K P D J B D S W N L J W
C G R F W N V I D R B H A S X L B L B
V R O C L A J M C W A H I L I M R O M
X G N Z X L N J V A N N R B K H U I Y
V C O Z E S Y N A U T V A X J J T
L A G F E W X T T I W U W C A
M K V W V Y S E L V G G E K Q
W Z S P A N J U L E T T L
C P S D V Q F
X G Z A P
T Y D Z Z
L O O
V P U
G B Z
C Q H
P H I
X H H

premju
**sett kartolini**

## Kompetizzjoni 50

Ir-rebbieħa ta' Kompetizzjoni 50 hija **Jennifer Camilleri** mill-Imġarr. Jennifer se tirċievi bil-posta l-kartolini li rebħet. Prosit!

## Skużawna

Skużawna talli fl-aħħar kompetizzjoni ħadna żball fl-ewwel kelma. Aħna naturalment xorta aċċettajna dawk li bagħtu t-tweġibiet bl-ewwel waħda vojta jew ħażina. Jekk żball ħadnieh aħna mhux se teħlu intom!

# SITTSAQAJN

Matthew Borg Cardona



# Id-Dliela

Did-darba se nitkellmu dwar id-**dliela żejtnija** (common oil beetle *Meloe tuccius*), waħda mill-ħafna speċi ta' ħanfus li għandna Malta.

Ġeneralment ir-raġel ikun kbir 16-21mm u l-mara 25-30mm. Din il-ħanfusa ma ttirx għax il-ġwinħajn tagħha mhumiex żviluppati. Il-kulur ta' dan l-insett huwa iswed ileqq.

Meta jattakkah xi annimal dan jerħi d-demm tiegħu, li hija sustanza żejtnija li jgħidulha *cantharadin*. Dan il-likwidu jinten ħafna u jtellgħalna l-ponot fil-ġilda jekk immissuh.

Id-dudu ta' dan il-ħanfus (meta jkun għadu żgħir) jgħix fil-bejtiet tan-naħal solitarji. Dan jiekol il-bajd tan-naħal, kif ukoll il-polin u n-nektar li jkunu fil-bejta. Meta jikber ma jibqax parassita fuq in-naħal, u jiekol biss pjanti. L-adulti fil-fatt issibhom jgħixu qalb il-ħaxix.



**Qishiex xi aljen minn film tal-fantaxjenza! Din hija speċi ta' nemusa kbira jgħidulha Nemusun tad-Djar (crane-fly). Iktar issibha fl-għerien għax tħobb l-umdità, imma kultant tidħol fid-djar. Imma tibżgħux, ma tixrobx demm!**

# Fejn taqbad tmur?

**Kalendarju għall-berdwoċers**

## Awwissu

Xahar kwiet, għax f'Malta ftit għandna għasafar ibejtu. Imma għalkemm kwieta, il-passa tibda tkun aktar evidenti u b'xi ftit aktar varjazzjoni wkoll. Għall-aħħar tax-xahar jibdew jidhru l-ewwel għasafar tal-priża u xi rsieset ma jonqsux. Xi titwila qrib ir-riservi (speċjalment l-Għadira li tidher sew minn barra) taf tagħti frott.




## Settembru

L-għasafar jibdew nerżlin lejn l-Afrika fejn iqattgħu x-xitwa. Flimkien ma' Marzu dan huwa xahar li fih wieħed jista' jammira l-passa veru meta diversi tajr tal-priża jgħaddu minn fuq il-gżejjer tagħna. Għalkemm jidhru minn diversi lokalitajiet, l-aqwa post fejn wieħed jista' jara dan il-fenomenu huwa l-Buskett fejn tard wara nofs inhar jibdew jinġabru biex isibu post fejn jorqdu. Għalkemm ma jgħaddux il-mijiet ta' eluf li jgħaddu minn postijiet oħra fil-Mediterran, ftit huma l-postijiet fejn wieħed jarahom daqshekk fil-viċin. Il-kosta tal- Lvant ukoll tibda tkun tajba ħafna għas-*seawatching*, fejn il-varjetà ma tonqosx.




michael sammut

## FTAKAR

**Ġedded il-miżata fi Klabb Ħuttaf u nibagħtulek poster ġdid ta' għasfur, poster kbir u bil-kulur.**



## Ħbieb Falkuni!

Is-sajf dħalnielu sewwa u ħafna mill-attivitajiet tal-Falko għaddew. Għal min ġie, għiduli ftit kellix raġun f'*Il-Huttafa* 49 ngħidilkom li ser ikollna sajf mimli daqs bajda! Mhux hekk biss, talli kull attività kien fiha xi ħaġa ġdida u li rnexxiet tajjeb u ħadna gost.

Bla dubju, l-aktar attività popolari kienet il-Kamp ta' Kemmuna. Konna grupp sabiħ u mlejna nofs il-kampsajt! U mhux l-art biss ikkapparrajna, imma l-baħar ukoll, għax kull meta nżilna ngħumu ħadna nofs il-bajja bil-logħob tagħna. Anke l-bajja ta' San Niklaw u l-Blue Lagoon morna - ma fadalx bajja Kemmuna li ma morniex! Insomma, għal aktar dettalji araw ir-rapport ta' André.

U issa għal Kamp ieħor, nies - ir-RaptorCamp! Qabel ma tiġu itolbu li ninzertaw passa tajba ta' tajr tal-priża.

Narakom!

Justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur FALKO

## Mixja bil-Lejl

Ħa nimxu mir-Rabat saċ-Ċirkewwa. Taħsbu li twila?! 'Qas xejn! L-aħħar najthajk li għamilna f'dawn l-inħawi konna mxejna mir-Rabat sa l-Aħrax tal-Mellieħa u mas-2.00am konna ġa wasalna! U ma tgħidx li għaġġilna għax ħadnieha bil-mod u niftakar anke konna waqafna xi siegħa nistkennu mix-xita...

Mela taqtgħux qalbkom, għax twila mhijiex. U bejn kelma u ċajta u daħqa 'qas narawhom il-kilometri...

Data: **19 Ottubru 2002**
Niltaqgħu: **Il-venda tar-Rabat**
Ħin: **9pm**
Lura: **20 Ottubru filgħodu**
Età: **Falko** (13yrs+)

# RaptorCamp2002



Hekk hu! Kamp ieħor! Issa saret drawwa li kull sena nagħmlu l-kamp ta' Settembru biex ingawdu t-tajr tal-priża filwaqt li ngħixu weekend flimkien, u dis-sena mhux ser nonqsu.

Baħar fejn ngħumu mhux ser ikollna bħal ma kellna Kemmuna, imma t-tajr tal priża għaddej minn fuq rasna għandu jaljenana biżżejjed! Kull sena f'Settembru minn fuq il-Buskett ipassu ELUF ta' tajr tal-priża bħal kuċċard u bgħadan. Aħna mmorru hemm biex nammirawhom u nitpaxxew bil-ġmiel tagħhom!

Min għadu qatt ma ra passa ta' tajr tal-priża, ma jafx x'qed jitlef!



*Justin Vassallo*

**Partecipanti tal-Falko RaptorCamp 2001**

**Dati: 20-21-22 Settembru**
**Post: Il-Buskett**
**Ibbukkjaw: Tel 21347646 jew email bid-dettalji tagħkom lil *office@birdlifemalta.org.* Aktar dettalji lil min jibbukkja.**
**Prezz: Lm9**
**Eta: Falko (13yrs+)**

# KAMP KEMMUNA

rapport

Il-Gimgħa fil-għaxija ltqajna għal waħda mill-aktar attivitajiet mistennijin tal-Falko: il-**Kamp ta' Kemmuna**. Konna xi 25 ruħ, l-ikbar attendenza li qatt kellna minn mindu ngħaqad il-Falko.

Wara li wasalna Kemmuna kulħadd intefa' jarma l-ħafna tined li kellna. Dan sar malajr, għax kulħadd kien imġennen biex jinżel il-baħar biex jeħles mis-sħana u l-gdim feroċi tan-nemus.

Wara l-baħar tlajna fuq ix-xatt, nistennew l-ikel tal-barbikju li konna se nagħmlu. Madwar il-ħuġġieġa li għamilna domna ħafna ħin inparlaw u nieklu bil-qalb. Uħud minna anki reġgħu niżlu jgħumu.

L-għada filgħodu kulħadd qam ftit jew wisq għajjien: imma ma tantx tajna każ għax, wara l-brejkfast morna nsaqqu xi siġar li tħawlu mill-BirdLife f'Wied l-Aħmar fejn hemm ċentru tar-ringing. Komplejna wkoll nibnu xi ħitan tas-sejjieħ, u wara kulħadd ġirja waħda lejn il-baħar biex jiffriska. Wara li kilna biċċa ħobż biż-żejt u strieħajna ftit, tlaqna lejn il-Blue Lagoon, fejn kulħadd kompla juża l-enerġija li kien baqagħlu b'mod mill-aqwa - għomna sa Kemmunett!

Aktar tard morna lura ħdejn it-tined fejn bdejna nsajru ftit għaġin. Minħabba li f'nofs it tisjira spiċċalna l-gass, laħqu saru xi nofs il-lejl sa ma fl-aħħar bdejna nieklu :-)... Imma kulħadd ħa pjaċir biċ-ċajt u r-rakkonti li qgħadna ngħidu lil xulxin. Għajjenin mejtin, intfajna fit-tined fejn fi ftit sekondi beda jinstema' l-inħir tagħna!

Il-Ħadd filgħodu kulħadd beda jżarma l-tined u jiġbor ħwejġu. Imbagħad morna sal-Bajja ta' Santa Marija, fejn qgħadna nistennew il-lanċa, waqt li għomna ftit.

Tlaqna għal xi nofsinhar biex kulħadd imur lejn daru u jara l-finali tat-Tazza tad-Dinja... sakemm ma raqdux f'nofsha bħal ma naf li għamlu bosta!

*André Callus*

 għali ambjentali



# Ġejjin il-Mostri?

*Elisabeth Conrad*

**Dan l-aħħar tqajjem ħafna dibattitu fuq il-kwistjoni ta' ikel ġenetikament mibdul, li hemm minnu li diġà fil-fatt nikluh. X'infissru eżatt meta nitkellmu fuq dan it-tip ta' ikel?**

## X'ikunu dawn?

Il-frażi *genetically-modified* (GM) tiddeskrivi dak il-proċess li fih xjenzati jieħdu minn annimal jew pjanta ġene li tipproduċi effett partikolari, jagħmlu kopja tagħha u jdaħħluha f'annimal jew pjanta differenti!

F'ċertu sens nistgħu ngħidu li l-bniedem ilu żmien twil jipprattika forma ta' bdil ġenetiku. Per eżempju l-bidwi jagħżel iż-żerriegħa ta' l-aktar ħxejjex li jikbrulu b'saħħithom biex jiżragħhom is-sena ta' wara, biex b'hekk ikattar dejjem l-aqwa prodotti. Hawn tista' tgħid li l-bidwi jkun qed jikkopja lin-natura, għax fin-natura wkoll huma l-iktar pjanti u annimali b'saħħithom li jkomplu jkattru.

Imma t-tip ta' tbagħbis li qed naraw illum huwa ta' tip li żgur ma jistax iseħħ fin-natura. In-natura mhix kapaċi tikkopja ormoni minn baqra u ddaħħalhom fit-tiġieġ biex dawn jikbru iktar malajr u ikbar!

L-iżvilupp ta' ħxejjex ĠM sab kemm qbil kif ukoll kritika.

## X'fih tajjeb?

X'inhuma l-vantaġġi ta' ikel GM? Il-popolazzjoni tad-dinja qabżet is-sitt biljun (6 000 000 000), u mhix faċli titma' dawn in-nies kollha. Il-bdil ġenetiku jista'jipproduċi pjanti li jifilħu għall-mard u għall-pests. Ix-xjenzati żviluppaw pjanti li kapaċi jikbru f'temperaturi għoljin jew baxxi ħafna, u għalhekk pjanti jkunu jistgħu jitkabbru fid-deżert.

Ħafna nies tat-Tielet Dinja jieklu ross biss. Ir-ross jimlik, imma sfortunatament ma fihx is-sustanzi u l-vitamini kollha li hemm bżonn biex tgħix b'saħħtek. Bil-dil ġenetiku jistgħu jivvintaw ross li jkollu s-sustanzi kollha meħtieġa.

## Xi problema?

Allura x'inhi l-problema? Hemm ħafna riskji involuti, għax din il-kwalità ta' indħil fil-liġijiet tan-natura jista' jkollu effetti li lanqas biss għadna ħsibna fihom. Per eżempju żviluppaw tip ta' qamħ li kellu jkun reżistenti għall-insetti - ġara li l-polin ta' dal-qamħ tar għal fuq pjanta oħra, li qatlet ix-xgħat kollha tal-friefet li kielu minnha! In-natura tant hija kumplessa li ħadd ma jista' jipprevedi l-effetti kollha ta' meta nbiddlu xi ħaġa fiha.

Hemm ukoll biża' li per eżempju xi insetti jiżviluppaw reżistenzi għal dawn il-ġeni, ħaġa li diġà ġrat b'xi pestiċidi, fejn l-insetti li qabel kienu jmutu bil-bexx fi ftit snin evolvew u llum saru jifilħu għall-velenu li qabel kien joqtolhom!

Biża' ieħor huwa li xi ġeni ġodda maħluqin fil-laboratorju jinxterdu fin-natura - jekk per eżempju ġeni ta' pjanta iddisinjata biex tiflaħ għall-bexx jidħlu bi żball f'ħaxix ieħor, nispiċċaw b'dawk li jissejħu *superweeds* li jirreżistu l-kimika u ma tkun tista' tikkontrollahom b'xejn.

Hemm ukoll ċans ta' effetti fuq is-saħħa tal-bniedem. Ħafna nies għandhom allerġiji serji ħafna għal ċertu ikel. Ġeni ġodda fl-ikel jafu joħolqu allerġiji ġodda u iktar serji. Għalhekk qatt m'inti ċert x'se jiġri meta ikel GM jinbiegħ lin-nies.

Fl-aħħar hemm ukoll biża' li żviluppi bħal dawn ikomplu jkabbru l-qasma bejn il-pajjiżi fqar u dawk żviluppati. Dan għaliex huma biss il-pajjiżi sinjuri li għandhom ir-riżorsi biex jiżviluppaw ikel GM, mentri fil-fatt huma l-pajjiżi fqar li l-iktar li għandhom bżonn il-benefiċċji (jekk veru huma benefiċċji) ta' żviluppi bħal dawn.








**Fuq il-faċċata...** Iċ-ċuvett (spotted redshank *Tringa erythropus*) huwa wieħed mill-isbaħ għasafar tax-xtut li jżuru Malta, l-iktar meta jkun bil-libsa sewda ttikkjata tas-sajf! Postijiet bħall-Għadira huma tajbin biex tarah.

*Miktub minn Judy Allen*
*Tpenġijiet ta' Martin Brown*
*Red Fox 1994*




# Ktieb aħdar!

Dan il-ktieb jurina bla tidwir mal-lewża li jekk ma rridux ngħixu fuq pjaneta niexfa, maħruqa u mejta, irridu naraw x'se nagħmlu.

L-awtur titkellem ċar dwar il-ħsara li l-bniedem qed jagħmel lid-dinja meta juża sprejs u batteriji, jifflaxxja t-tojlit, iħalli d-dawl mixgħul eċċ. Naqraw dwar ix-xita aċiduża, l-effett serra, it-tniġġis ta' l-ilma u l-qerda tal-forest.

Imma għad mhux kollox mitluf (għalissa)! Dal-ktieb jurina kif aħna nistgħu nbiddlu l-mod kif ngħixu fi djarna. Wasal iż-żmien li nqumu fuq tagħna u nieħdu passi biex nibdew nirranġaw xi ftit mill-ħsara li ġa għamilna lid-dinja tagħna.

Dal-ktieb iktar jifhmuh u japprezzawh tfal ftit kbar (tal-Falko).

*Janet Gerardi*

*Dal-ktieb issibuh ukoll fil-Librerija Pubblika tal-Furjana.*

## Daħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf u tieħu

- Tliet pitazzi
- stiker bil-kulur
- 8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena



Ħajjar ħbieb,aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, ilma isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.




**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______

Indirizz ______

postcode ______

Data tat-twelid ______ Telefon ______

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______

Indirizz ______

postcode ______

Membership number ______ Telefon ______

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 34 bolla tas-6ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**



BirdLife Malta

40 years for birds

# Il-Blue Lagoon

Kos, la hu blu u lanqas ma hi laguna, imma kulħadd hekk jafu. Fil-fatt l-isem Malti ta' dal-post famuż huwa Bejn il-Kmiemen, għax hija l-biċċa baħar li qiegħda proprju bejn Kemmuna u Kemmunett. Il-baħar jidher trasparenti ħafna għax baxx u għax fil-qiegħ hemm ir-ramel. U għax mhux baħar imdardar. Kemm aħna kapaċi nżommuh hekk?